KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 66

Is-Sittin u sittin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazzetta, Triq Ghar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Vici Sindku |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*66.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 65;*
*66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*66.5 Rapporti ;*
*66.6 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv*
*66.7 Items Oħra ;*
*66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*66.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*66.10 Mozzjonijiet ;*
*66.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 66.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

66.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċieva ittra ta' apoloġiji mingħand il-kunsillier D.Muscat. E.Borg u P.Radmilli. Kien hemm qbil fuq ir-raġunijiet għalfejn ma kienux preżenti.

## 66.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 65

66.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Minuti tal-laqgħa nru 65 intbagħtu qabel il-laqgħa u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier A.Galea ippropona li l-Minuti jiġu approvati u ssekondaħ il-kunsillier D.Soler. Kien hemm qbil unanimu. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 65*

66.2.2 B'referenza għal punt 65.8.9 is Sindku qal illi kien preżenti għall-protesta flimkien ma kunsillieri oħra u kien diżpjaċut ħafna li ma semmewx lill-Kunsill u x-xogħol illi jsir mill-Kunsill fuq is-suġġetti li kienu qegħdin jipprotestaw fuqhom. Żied illi se jsir laqgħa fis-16 ta' Ottubru fejn se jkun preżenti hu, is-S.E, il-Viċi u l-kunsillier D.Muscat, flimkien ma 2 rappreżentanti minn naħa tagħhom. Il-kunsillier D.Soler staqsa għalfejn ma jistax jattendi. Is-Sindku qal illi għanda tkun laqgħa bejn uħud ta' nies fejn umbad tintbagħat informazzjoni lill-membri taż-żewġ naħat fuq dak illi intqal. Fakkar lill-kunsillier D.Soler li parti minn dawn il-protesti saru fuq dekasteri li kienu tiegħu. *Protesta*

66.2.3 Is-Sindku qal illi ma kien hemm l-ebda informazzjoni mill-kumitat għad-dekorazzjonijiet tal-Milied u issa qegħdin noqorbu lejn il-festi. Staqsa lill-kunsillier J.Dougall jekk sar xi ħaġa iżda r-risposta kienet illi m'għandux kuntatti biex jiġbor mingħand il-ħwienet. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi min jixtieq jidħol fil-kumitat jista u li *Milied*

għandna niffokaw fuq ż-żona kummerċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi fondi tad-DLG mhux se jittieħdu għalhiex ma kien hemm l-ebda risposta għall-ideat biex isir l-applikazzjoni. Is-Sindku żied illi fl-istess ħin ma kien hemm ħadd li ħa l-inizjattiva għall-Clean Up, avolja konna ħadna ħsieb applikazzjoni li ġiet approvata, u b'hekk m'aħna se nieħdu xejn.

**Mall-wasla tal-Perit tal-proġetti ta' Ġnien Independenza [Norway Grants] u ta' Ġnien Bonello Du Puis, l-aġenda ġiet posposta għal ftit.**
**Waqt id-diskussjonijiet il-Perit Carter qalet illi hemm l-ispecs lesti għat-tender ta' Norway Grants. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tender se tkun pubblika nhar il-Ġimgħa 29 ta' Settembru. Fakkar illi ma tantx hemm ħin x'nitilfu sabiex isir il-proġett. Żied illi fl-aħħar laqgħa li kellu mad-Direttur kien hemm mistoqsija għalfejn kunsillier illi jkun preżenti għal-laqgħat qal illi ma kien jaf b'xejn dwar il-proġett. Qal illi affarijiet bħal dawn qatt m'għandom jintqalu meta ma jkunux vera u fakkar illi dawn il-fondi huma fondi Ewropej fejn hemm skrutinju kbir fuqhom. Fakkar illi kien hemm telf ta' żmien kbir fuq il-proġett minħabba l-modifikazzjoni, minħabba d-dewmien għall-Planning Permit u anka minħabba d-dewmien tal-evalwaturi sabiex japprovaw it-tender tal-Perit u hemm dan kollu fil-Minuti tal-laqgħa. Fakkar illi sabiex isiru modifazzjonijiet, u approvazzjoni ta' tenders, kollox jiġi approvat fil-laqgħa. B'hekk ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex waqt laqgħa ma min qed jieħu ħsieb il-fond kellu jiddefendi l-punt illi l-kunsilliera huma konxji dwar il-proġett.**

**Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu qatt ma fehem għalfejn hemm bżonn isir xogħol fuq ir-rampa iżda dik hija parti mill-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-pjan inizjali kien sabiex isir lift, iżda wara qbil mill-Kunsill stess saret il-modifikazzjoni tal-proġett u issa tard wisq biex inbiddlu pjanijiet.**

**Dwar il-proġett ta' Qui Si Sana l-Perit qalet illi bagħtet l-ispecs, barra dawk marbutin mas-sigurta [CCTV]. Is-Sindku qal illi jixtieq ibiddel il-kulur tar-railings u wara diskussjoni l-perita qalet illi se terġa ċċara l-BoQ sabiex din tiġi inkluża.**

**Il-Perit Carter telqet fis-18:57**

**66.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

66.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit Carter kienet diġà għamlet presentazzjoni tal-proġett ta' Ġnien Independenza ftit xhur ilu, fejn il-Kunsill kien qabel fuq il-proġett u l-ewwel fażi kienet se tiswa €250,000. Il-Kunsill kien qabel illi sabiex isir il-proġett komplut, kien se juża sa €800,000 minn diversi fondi/fondi tal-Kunsill. Issa l-BoQ waslet ta' madwar €630,000 li ma jinkludux xogħolijiet tas-sigurta u li tista tivvarja skont x'isibu l-kuntratturi waqt ix-xogħol. Żied illi r-rata tal-Perit se tkun 1% tal-BoQ. Kien hemm qbil fuq l-ammont, kif ukoll fuq il-ħlas dovut lill-Perit. L-ammont għanda tgħolla jekk il-BoQ titla. *BoQ Perit Ġnien Bonello Du Puis*

66.3.2 Is-Sindku qal illi la wasal biex jitlaq is-Segretarju Eżekuttiv hemm bżonn nagħlqu tenders pendenti. Staqsa dwar il-proġetti ta' quddiem is-Salesjani u dwar tal-Aċċessibilita. Dwar l-aċċessibilita s-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jara għalhiex kien hemm l-aħħar kommunikazzjoni qabel ma ħareġ mill-leave imma kien hemm l-aħħar affarijiet biex jagħlqu. Dwar tal-proġett quddiem is-Salesjani fakkar illi tlett xhur ilu l-Perit kien preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill fejn qal hemm bżonn konsultazzjoni ma' Landscaper. F'dak il-perjodu saret talba lil diversi kuntratturi fejn taw valur tagħhom sabiex jassistu u l-Perit informa li laħaq iltaqa mall-Landscaper il-ġimgħa ta' qabel il-laqgħa. B'hekk minn naħa tiegħu l-Perit se jkun jista jagħlaq it-tender. Meta din tasal għand is-S.E ikun f'pożizzjoni biex jagħlaq minn naħa tiegħu u ssir il-pubblikazzjoni tat-tender.
Dwar FerroBay il-Kunsill ġie informat illi ħadd ma tefa bid u t-tender ħarġet għat-tieni darba.
Dwar tal-Bulky is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi din qatt ma ġiet evalwata mingħand l-individwi kollha u b'hekk wieħed jista jkun suġġett għall-azzjoni legali, iżda t-tender għanda terġa toħroġ.
Dwar street cleaning is-Segretarju Eżekuttiv talab min se jkun parti mill-kumitat tal-evalwazzjoni, Kien hemm qbil fuq il-kunsillier I.Fenech, W.V.Baldacchino u A.Galea.

**Fis-19:20 telaq il-kunsillier P.Portelli**

66.3.3 Is-Sindku informa li waslet talba sabiex il-Kunsill joġġezzjona għall-permess partikolari ġewwa triq Gorġ Borġ Olivier peress illi hemm talba sabiex isir Soup Kitchen/hostel iżda hemm *PA/05024/23: Soup kitchen*

allegazzjonijiet illi din se tintuża għar-raġunijiet oħra. Il-Viċi Sindku u l-kunsillier A.Galea qalu illi allegazzjonijiet huma allegazzjonijiet u fl-ebda ħin m'għandna nidhru qisna qegħdin kontra li ssir Soup Kitchen li tista tkun t'għajnuna. Is-Sindku qal illi m'għandu xejn kontra s-Soup Kitchen iżda għandna bżonn inkunu ċerti li ma jinbidel xejn wara. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nieħdu parir legali.

**Fis-19:35 il-kunsillier K.Wain talab biex ikun skużat għal ftit.**

Wara li tittieħed parir legali, kien hemm qbil illi jekk hemm possibilità li dawn l-allegazzjonijiet isiru realtà, isir registered objection għall-permess.

66.3.4 Is-Sindku qal illi hemm bżonn nagħtu suġġerimenti dwar Residential Parking qabel l-aħħar tax-xahar la l-Gvern qed jikkonsulta dwar il-possibilita li din tiġi intorduta ġewwa diversi lokalitajiet oħra. *Residential Parking*

**Il-kunsillier K.Wain wassal lura fis-19:45**

Is-Sindku qal illi kien sar studju snin ilu mill-Kunsill u kienu intbagħtu suġġerimenti iżda dan kien ammont ta' snin qabel u ma instabux l-idejat li kienu intbagħatu. Hu ssuġġerixxa li jkun hemm 'paid parking' fejn hemm il-kummerċ.
Wara diskussjoni fejn ma kienx hemm ftehim fuq idejat, intqal se jieħdu ħsieb mill-uffiċju u jintbagħtu idejat lill-kunsilliera.

66.3.5 Is-Sindku talab lis-S.E jerġa jibgħat reminder lill-IM b'dawk it-toroq illi għandom isiru fil-lokalita.

66.3.6 Is-Sindku qal illi f'nofs Otturbu l-IM se jkomplu xogħolijiet ġewwa triq il-Kbira u għandom jagħmlu l-immarkar. Izda hawn qal illi jippreferi li ma jsirux fishbone parking għax iħoss se jintilfu ammont ta' positijiet. *Triq il-Kbira*

66.3.7 Is-Sindku staqsa dwar il-permess għaż-żebra crossing ta' triq il-Kulleġġ l-Antik. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur għandu kollox li għandu bżonn. *Zebra Crossing: Triq Kulleġġ l-Antik*

66.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waslet ittra legali mingħand l-avukat tal-Perit li kien bagħat il-BoQ għall-proġett tal-parkeġġ ta' fejn *Kont ta' Perit: Parking*

Ġnien Mortimer. Fakkar illi l-Kunsill ma kienx qabel illi jitħallas l-ammont totali ta' €78,000 u li ħallas fuq stima li l-Kunsill kien lest jonfoq fuq il-proġett. Qal illi r-raġuni kien illi l-Kunsill qatt ma ta' approvazzjoni sabiex il-BoQ titla għal €9miljun iżda fl-istess ħin it-talba dak iz-zmien kien sabiex jipprovdi BoQ malajr kemm jista jkun sabiex il-Kunsill ikun jista jikkunsidra li jaħdem mall-Privat sabiex isir il-proġett.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi l-ewwel isir laqgħa kordjali bejn is-Sindku, is-S.E u l-Perit.

## 66.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

66.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 66.5 RAPPORTI

66.5.1 Is-Sindku qal illi sfortunatament il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart mhux qed iżomm mall-obbligi tiegħu. Kien hemm korrispondenza mar-Reġjun sabiex iżommu parti mill-paga iżda huma iridu provi għal kull ilment. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi la nirċievu Invoice, aħna għandna napprovaw l-invoice sħiħa, cioe l-penali għandom ikunu rifletti fl-invoice li jibagħtu r-Reġjun.
B'hekk sar talba sabiex meta jintbagħtu ilmenti, jintbagħat ukoll provi tagħha.
Il-kunsillier D.Soler staqsa jekk il-Contracts Manager qed jagħmel xogħolhu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal qed jagħmlu xogħolhu u wieħed jista jara anka fir-rapporti li għandom jiġu moqrija u approvati. Żied illi jibgħat ħafna korrispondenza lir-Reġjun.

66.5.2 Ma kien hemm l-ebda kumment ieħor fuq ir-rapporti.

## 66.6 RIŻENJA TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

66.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi informa lill-membri kollha tal-Kunsill illi kien se jibgħat ir-riżenja tiegħu lid-DLG peress illi waslet opportunita ta' xogħol mall-privat. L-ittra intbagħtet lid-DG wara u qed jaħdem in-Notice sa nofs Novembru. Riżenja tas-S.E

**66.7 ITEMS OĦRA**

66.7.1 Il-kunsilliera I.Fenech qalet illi se tagħmel laqgħa mas-CEO ta' Aġenżija Żagħżagħ.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat mill-bidu tal-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.**

66.7.2 Il-Viċi Sindku qal illi peress illi hemm impjegati ġodda jiddejjaq jibgħat affarijiet tax-xogħol fuq in-numru privat tagħhom meta jkunu d-dar. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi jkun hemm numru għall-WhatsApp biex tintuża għall-kuntatt mall-kunsilliera waqt il-ħin tax-xogħol.

66.7.3 Il-Viċi Sindku qal illi ma laħħaqx lesta l-lista biex tiġi ppreżentata lill-Kunsill imma talab l-approvazzjoni biex imexxu bit-tieni lot ta' niċeċ sabiex isir ir-restawr tagħhom. Kien hemm qbil.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi kien ħareġ tender għas-servizz ta' Perit għall-ewwel lot u għanda toħroġ oħra separata għal din.

66.7.4 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk tista ssir graffiti fuq il-ħajt taħt il-footbridge ta' Qui Si Sana. Is-Sindku qal illi dak huwa propjetà privat tal-MIDI.

**Il-kunsillier D.Soler telaq fid-21:20**

66.7.5 Il-kunsillier J.Dougall qal hemm camper ġewwa post ta' parkeġġ fejn it-Torri. Is-Sindku qal illi TM vverifikaw illi jista joqgħod hemm la hu kamper u mhux karavan

66.7.6 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk hemm progress fuq ix-xogħolijiet tal-landing Ferry. Is-Sindku qal għandom ilestu sa Novembru.

66.7.7 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar l-iskips quddiem Giorgio's. Is-Sindku qal se tintbagħat ittra.

66.7.8 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar il-proġett ta' Bisazza. Is-Sindku qal hu informat illi nies mill-Ministeru għandom jiltaqaw fil-bidu ta' Ottubru u jagħmlu kuntatt magħna.

66.7.9 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar update fuq il-problema mall-

istabbilment ‘Podium’. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-avukata bagħtet lil-awtorita ta’ infurzar sabiex jgħidu r-raġunijiet għalfejn m’għamlu xejn. Fl-14 ta’ Settembru kitbu lura li għadom qegħdin jinvestigaw.

**Il-kunsillier A.Galea telaq fl-21:50**

66.7.10 Il-kunsillier V.G.Pace qalet hemm tlett scooters fejn il-Tlett Siġriet. Is-Sindku qal illi tneħħew.

**66.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

66.8.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**66.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI**

66.9.1. Il-Kunsillier K.Wain propona li l-pagamenti jiġu approvati kollha minbarra Numri 91 sa 94 . Il-Kunsillier J. Dougall issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. Approvazzjoni tal-pagamenti

**66.10 MOZZJONIJIET**

66.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**66.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

66.11.1 Is-seduta ntemmet fl-22:10. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-18 ta’ Ottubru, 2023 fis-6pm

Minuti approvati llum 18 ta’ Ottubru 2023

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**